Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 31 ta' Ottubru 2025**
**(OR. en)**

**13692/25**

**INST 292**
**CMPT 17**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar żewġ membri tal-Qorti tal-Awdituri - Adozzjoni |

1. Skont l-Artikolu 286(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill, wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew, għandu jadotta l-lista tal-Membri tal-Qorti tal-Awdituri mfassla f'konformità mal-proposti magħmulin minn kull Stat Membru, għal mandat ta' sitt snin.

2. It-tiġdid parzjali attwali tal-Qorti tal-Awdituri jinvolvi żewġ Membri li l-mandat tagħhom mistenni jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2025[1].

3. Il-Gvern Lussemburgiż ippropona li s-Sa Joëlle ELVINGER terġa' tinħatar Membru tal-Qorti tal-Awdituri mill-1 ta' Jannar 2026[2].

4. Il-Gvern Netherlandiż ippropona li s-Sur Stephanus Abraham BLOK jerġa' jinħatar Membru tal-Qorti tal-Awdituri mill-1 ta' Jannar 2026[3].

5. Il-Kunsill ikkonsulta mal-Parlament Ewropew dwar dawk il-proposti fit-2 ta' Ġunju 2025.

6. Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu dwar dawk il-proposti fid-9 ta' Settembru 2025.

1 14082/24.
2 9460/25.
3 8926/25.

7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni kif jinsab fid-dokument 14212/25 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.